MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 1116/1975/1

Giorgina Muscat
vs
Cecil Pace, Henry Pace u b'digriet tat-28 ta' Ottubru 2005 Dr. Leslie Cuschieri u l-P.L. Victor Bugeja gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-eredita` gjacenti ta' Henry Pace, u lill-Avukat Dottor Carmelo Mifsud Bonnici bhala kontrollur, ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited, u b'digriet tas-7 ta' Ottubru 2004 giet kjamata fil-kawza d-ditta Gatt, Galea & Co.

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attrici li biha ppremettiet:

Illi hi kienet iddepozitat mal-Bank konvenut is-somma ta' sitt mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltija (Lm621);

Illi l-konvenuti Cecil Pace u Henry Pace in vista tad-depoziti maghmula mill-attrici kienu hargu c-cedoli jew cekkijiet esebiti mac-citazzjoni;

Illi f'kull kaz l-istess konvenuti Cecil u Henry Pace kienu qed jagixxu ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank konvenut meta kienu hargu l-istess cedoli fil-konfront tal-attrici, u in difett kienu agixxew b'qerq tal-istess;

L-attrici talbet lill-Qorti biex:

Tikkundanna lill-konvenuti flimkien, solidarjament, jew min minnhom jirrestitwixxu lill-attrici s-somma ta' Lm621 minnha depozitata mal-Bank konvenut u dan minhabba l-konsiderazzjonijiet u fic-cirkostanzi premessi.

Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali mid-data tad-depozitu maghmul u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokument prezentati mill-attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Cecil u Henry Pace li eccepew:

Illi jekk l-attrici kienet ghamlet depozitu fil-bank, kif kien inghad fil-kawzali tac-citazzjoni, il-prova ta' dan id-depozitu kien jinkombi lilha u hi kienet obbligata tipproduci d-dokumenti relattivi.

Ic-cedoli li kienu hargu l-konvenuti kienu saru bi ftehim mal-attrici li riedet tiddepozita flus mal-konvenuti personalment biex tiehu imghax aktar minn dawk li seta' jaghtiha l-bank. Ghalhekk ma kienet tezisti l-ebda qerq u din il-kawzali tac-citazzjoni ma setghetx tigi gustifikata.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Dr. Carmelo Mifsud Bonnici nomine li biha eccepixxa:

Illi t-talba attrici kellha tigi michuda bl-ispejjez in kwantu direttakontra l-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited peress li l-kreditu pretiz mill-attrici ma kienx kontra l-istess bank li ma kienx responsabbli ghac-cheque *de quo*.

B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati minn Dr. Carmelo Mifsud Bonnici.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Dr. Leslie Cuschieri u l-P.L. Victor Bugeja li biha eccepew:

1) Illi b'digriet tat-28 ta' Ottubru 2005, huma kienu gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-eredita` gjacenti ta' Henry Pace.

2) Illi f'dan l-istadju huma kienu ghadhom ma kkomunikaw ma' ebda persuna li kienet tista' taf bl-interessi li kellu d-defunt Henry Pace u ghalhekk ma kienux edotti mill-fatti.

3) Illi ghalhekk huma kienu rriservaw li jeccepixxu ulterjorment.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-kuraturi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici li fiha semmiet li hi kienet iddepozitat mal-Bank konvenut is-somma ta' sitt mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltija (Lm621). Sostniet li meta l-

konvenuti Cecil Pace u Henry Pace kienu hargu c-cedoli kienu qed jagixxu ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank konvenut u in difett kienu agixxew b'qerq fil-konfront taghha u ghalhekk irrendew ruhhom personalment responsabbli ghall-hlas tal-attrici flimkien mal-bank konvenut. Dan kien qed jirrendi impossibbli l-izbank ta' dan id-depozitu u ghalhekk kellha ssir il-kawza.

Rat id-digriet tad-9 ta' Marzu 1976 li bih Dr. Giovanni Bonello gie nominat bhala Imhallef Supplenti biex jiehu d-depozizzjoni ta' John Muscat.

Semghet bil-gurament lil John Muscat li qal li l-attrici hija bintu u hi kienet taghtih il-flus biex ipoggihomlha fil-bank. Hu kien imur ghand il-kaxxiera, jaghtiha l-flus u din taghtih karta. Hu kien jivverifika li n-numru jkun jaqbel mal-ammont li jkun taha u mbaghad hi kienet tghidlu biex imur ikellem lil wiehed mill-ahwa Pace. Hu kien imur fl-ufficcju tad-Direttur hdejn l-ahwa Pace u dawn kienu jaghtuh ic-***cheque*** li kien ikun iffirmat minn Henry u minn Cecil Pace. Gieli c-***cheque*** kien ikun iffirmat minn wiehed biss mill-ahwa u wara kien jiffirmalu l-iehor ukoll. Ic-***cheques*** kien jaghmilhom ghal 3 xhur u meta hu kien jghidilhom x'jigri fil-kaz li jkollu bzonn il-flus qabel, huma kienu jghidulu li jekk jigri hekk huma jirrangawlu. Hu sostna li qatt ma sar diskors li l-flus kien qed jislifhom lill-ahwa Pace, u fl-opinjoni tieghu hu kien qed ipoggihom fil-bank.

Gie prezentat affidavit ta' Georgina Casha li fih semmiet li fil-mori tal-kawza zzewget lil Emmanuel Casha. Ikkonfermat li kienet inkarigat lil missierha Ganni Muscat biex jiddepozitalha s-somma ta' Lm621 fil-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited. Hi qatt ma kellmet lil Cecil jew Henry Pace. L-inkarigu lil missierha kien li huwa jaghmel depozitu bankarju fil-bank imsemmi. Qalet li bhala ricevuta missierha kien inghata d-dokument li gie esebit fl-atti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Cecil u Henry Pace li fiha semmew li meta l-konvenuti kienu hargu c-cedoli favur l-attrici dana kien sar ghaliex hija riedet tiddepozita l-flus maghhom, minnflok mal-Bank, biex hi tkun tista' tiehu

imghax oghla minn dawk bankarji. Ma kien hemm l-ebda qerq da parti tal-konvenuti u ghalhekk it-talba bazata fuq din il-kawzali ma setghetx tigi akkolta. Il-konvenuti ma kienux jafu jekk l-attrici kenitx qed tirreferixxi ghall-istess somma tac-cedoli meta qalet li ddepozitat mal-bank is-somma ta' Lm621. Jekk hi kienet qed tallega li sar dan id-depozitu, hi kienet obbligata tipproduci d-dokumenti relattivi.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Dr. Carmelo Mifsud Bonnici li fiha semma li mid-dokument esebit kien jidher li l-attrici ma kellhiex negozju mal-Bank konvenut u ghalhekk l-istess Bank ma kien assuma ebda obbligazzjonijiet favur l-attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi li fiha ssemma li huma ma kienux f'pozizzjoni li jkunu nfurmati dwar il-pozizzjoni guridika tal-mejjet Henry Pace u ghalhekk ma kienux edotti mill-fatti.

Rat id-digriet tat-3 ta' Marzu, 2003 li bih il-Bord tal-Appell – Kumpaniji Kontrollati (Procedura ta' Stralc) astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawza u ordna lir-Registratur biex jirrimetti lura l-process quddiem l-istess Qorti fejn originarjament giet ipprezentata l-kawza sabiex tissokta u tigi deciza minn dik l-istess Qorti.

Semghet bil-gurament lil Dr. Karmenu Mifsud Bonnici li qal li hu mhux il-kontrollur tal-BICAL, li kien ilu li spicca mill-1984 u li minfloku hemm is-socjeta` Gatt, Galea & Co.

Rat in-nota tas-16 ta' Mejju, 2005 li biha s-socjeta` Gatt, Galea & Co. assumiet l-atti tal-kawza minflok il-kontrollur precedenti Emanuel A. Bonello.

Semghet bil-gurament lil Raymond Gatt li qal li hu wiehed mill-***partners*** ta' Gatt Galea & Co. li hija l-kontrollur tal-BICAL. Ra fol 5 tal-process u qal li dan kien ic-***cheque*** mahrug minn kont numru 301504 li kien il-kont personali ta' Henry Pace li fuqu Cecil Pace kellu ***power of attorney*** biex jiffirma wkoll fuqu. Skond l-informazzjoni kemm fix-xhieda tieghu l-ex kontrollur ta'qabel u li ghaddielhom, dan il-kont kien jappartjeni lil Henry Pace. Fuq ic-***cheque***

hemm il-firem ta' Henry Pace u ta' Cecil Pace. Ghalhekk il-kont kien ta' Henry Pace pero` bil-fakulta` li jiffirma wkoll Cecil Pace. Setghu jiffirmaw ***either/or***, pero` fil-fatt hemm il-firma tat-tnejn. Dan l-ammont ma jirrizultax fil-kotba taghhom li ghandhom tal-bank. Ir-***records*** li ghandhom huma tal-BICAL waqt li dan huwa mir-***records*** personali ta' Henry Pace. Mistoqsi jekk effettivament kenitx l-uzanza li jkun hemm zewg firem qal li hu di xjenza proprja ma rax, pero` skond informazzjoni li ghaddielhom il-kontrollur ta' qabel kien hemm kazijiet bhal dawn. Ir-rapprezentanza legali tal-bank BICAL kienet f'idejn Henry Pace u Cecil Pace it-tnejn.

Semghet bil-gurament lil Cecil Pace li ra d-dokument a fol 5 tal-process u qal li dan kien il-kont personali ta' huh Henry izda hu kellu xi ***proxy*** u seta' jiffirma, u firma wahda kienet tkun bizzejjed. Huma dejjem kienu jaghmlu zewg firem a vantagg tal-klijent, biex jekk wiehed ma jsibx wiehed, isib lill-iehor. Gharaf l-***account number***. Din is-sistema ta' ***cheques*** kien stabbiliha peress li n-nies kienu jippreferu jahdmu b'din is-sistema, u anke ghaliex il-klijenti kienu jghidu li jippreferu jaghtu lil persuna milli lil kumpanija li tista' taghlaq, kif ukoll li rigward kumpanija riedu jkunu soggettati ghat-taxxa. Lil Georgina Muscat ma ftakarhiex. Qal li l-Bank ghalaq fil-25 ta' Novembru 1972 u qal li l-licenzji tal-Bank gew sospizi. Ic-***cheque*** huwa data 1973 izda ma jfissirx li nhareg fl-1973 la l-bank kien gja maghluq u dan ifisser li kien ***post-dated***. Il-firmatarju tal-Bical dak iz-zmien kienu l-***Joint Manager***, Lawrence Cachia Zammit u Ernest Gaffiero fejn kien hemm diversi ohrajn li kienu firmatarji u kienu jiffirmaw. Ix-xhud normalment ma kienx jiffirma ***bank drafts*** avolja kellu dritt. Dwar il-kont imsemmi a fol 5 tal-process, qal li dan kien bhal kont ta' klijent iehor tal-bank. Li kieku ffirma hu ghan-nom tal-bank kien ikun hemm l-isem tal-bank imnizzel fuqu jew tahtu. Sostna li c-***cheque*** huwa mahrug mill-kont ta' huh Henry u dan id-debitu huma responsabbli ghalih hu u huh personalment. Id-dokument a fol 5 huwa ***cheque*** personali u mhux ***bank draft*** ghax kieku l-forma hija differenti. Ix-xhud u huh kellhom diversi intraprizi, kellhom diversi kumpaniji u kienu jhaddmu diversi nies u l-flus kienu investewhom f'kumpanija. Georgina Muscat

kienet sellfet l-ammont u x-xhud ghaddihom lill-kumpanija u mbaghad il-kumpanija riedet trodd lura l-flus lix-xhud. Meta nghalaq il-bank kien gie appuntat xi hadd biex jamministra l-atti u dik il-persuna kienet tissejjah Kontrollur, u dan kien Kontrollur ghall-kumpaniji kollha u mhux ghall-Bank biss. Il-kumpaniji ghadhom sal-lum jigu amministrati mill-Kontrollur. Hafna mill-proprjetajiet li kellu x-xhud gew dissipati. Kienu ngabru fondi bizzejjed biex jithallsu d-debiti kollha li l-Bank kellu mal-klijenti tieghu. Ix-xhud u huh qatt ma nghataw flus mill-Kontrollur.

In kontro ezami qal li l-klijenti kienu jafu li dan kien forma ta' self, u dan ghaliex meta kienu jmorru ghandhom l-ewwel haga li jitolbuhom kienet rata ta' imghax superjuri, u dan kien qed isir fuq talba taghhom, u mhux ix-xhud u huh joffru imghax superjuri. Ma ftakarx jekk f'dan il-kaz in partikolari l-klijent kienx jaf li dan kien self ghax-xhud u huh personali. Sostna li hu kellu ***proxy***, ***power of attorney*** biex jiffirma flok huh Henry, u dwar dan hemm formola dokumentata. Kompla jghid li huh Henry ma kellux ***power of attorney*** fuq il-kont tax-xhud. Ix-xhud u huh kienu firmatarji izda ma kienux jamministraw il-Bank peress li kellhom il-***Joint Managers*** u nies ohra inkarigati. Il-klijent kien jghaddi l-flus lilhom personalment. Huma kellhom ***hotels*** u fabbriki u l-flus kienu jigu investiti fihom. Dwar ic-***cheque*** a fol 5 tal-process ix-xhud qal li awtomatikament kien qed jintrabat hu personalment peress li hemm il-firma tieghu, u l-firma kienet qedha hemm kemm ghalih kif ukoll ghal huh ukoll. Qal li l-firma torbot kemm lilu kif ukoll lil huh. Qal li hu kien ittratta ma' Georgina Muscat. Qal li mhux necessarjament kienu jkunu t-tnejn li jiddiljaw mal-klijenti. Sostna li hu bhala Direttur tal-Bank kellu d-dritt li jiffirma izda qatt ma kien jiffirma ghax il-Bank ma kienx imexxieh hu.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

L-ewwel punt li l-Qorti trid tikkunsidra hu dak li gie allegat mill-attrici u cioe` li kien hemm qerq fil-konfront taghha. Huwa ovvju li min jallega jrid jipprova u ma gie ppruvat ebda qerq da parti tal-ahwa Cecil u Henry Pace. Infatti l-kwistjoni ddur ma jekk id-depozitu sarx mal-bank jew inkella inghatawx flus kontro kambjati b'***cheque post***

***dated*** inkluz l-imghax. Henry Pace ma kienx direttament involut, Cecil Pace jghid li ma jiftakarx dan l-incident. Georgina Casha xebba Muscat ma jidhirx li kienet prezenti u l-uniku wiehed li kien prezenti u li jsostni li jiftakar huwa John Muscat missier l-attrici li semma li t-tifla baghatitu biex ipoggilha l-flus il-bank. Li semma li kien imur fl-ufficcju tad-direttur hdejn l-ahwa Pace u dawn jaghtuh ***cheque*** iffirmat minnhom. Sostna li qatt ma sar diskors li l-flus qed jislifhom lill-ahwa Pace u li fl-opinjoni tieghu kien qed ipoggihom fil-bank. Dan certament ma jistax iwassal ghal xi prova konkluziva ta’ xi qerq. Ried jigi ppruvat li missier Georgina Casha kien fil-fatt jitlob depozitu mal-bank u minflok jinghata kreditu mill-ahwa Pace meta dan ma jirrizultax b’mod car. Ghal dawn il-motivi tichad din l-allegazzjoni.

Issa xorta wahda l-attrici ssostni li hi ghamlet depozitu mal-BICAL u li ghalhekk ghandha dritt ghall-flus lura minghand l-istess bank jew minghand il-Kontrollur prezenti. Fid-dikjarazzjoni guramentata taghha semmiet li kien sar depozitu mal-bank fis-somma ta’ Lm621. John Muscat ma xehed xejn dwar dan l-aspett izda fil-fatt jidher li hareg ***cheque*** fuq l-account ta’ Henry Pace ghalkemm dan ma jirrizultax mid-dokument esebit a fol 5 tal-process sakemm mhux li l-persuna li jkollha l-***account number***. Il-format tad-dokument a fol 5 huwa wiehed ta’ ***cheque***. Jirrizulta li Muscat ma hax ic-***cheque*** fil-***counter*** izda mar ghand id-Direttur, haga li mhux normali. Irrizulta wkoll li l-bank ghalaq fil-25 ta’ Novembru 1972 u ghalhekk peress li c-***cheque*** ghandu d-data tat-13 ta’ Marzu 1973 bil-fors li kien ***cheque post dated***. Dak li gie sottomess mill-konsulent legali tal-konvenuti u cioe` li l-ammont probabbilment konsenjat lill-ahwa Pace kien ta’ Lm600 ghal sitt (6) xhur bl-imghax ta’ sebgha fil-mija (7%) huwa ferm probabbli. Jigi osservat ukoll li dak iz-zmien ir-rata normali tal-bank kienet tlieta fil-mija (3%) u allura huma stambi kalkolazzjonijiet ohra. Jigi osservat ukoll li bank qatt ma johrog ***cheques post dated***. Cecil Pace semma li huma kien ikollhom bzonn il-flus biex jiffinanzjaw progetti dwar ***hotels*** u fabbriki li kellhom u li n-nies kienu jippreferixxu l-firma taghhom minn ta’ xi kumpanija.

Ghal dawn il-motivi l-Qotti thoss li d-debitu kien wiehed privat ta' Henry Pace u Cecil Pace.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
It-talba tal-attrici hija biex il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti "flimkien, solidarjament, jew min minnhom jirrestitwixxi lill-attrici s-somma ta' Lm621". It-tahrika saret fil-konfront ta' "Cecil Pace, Henry Pace u l-Avukat Dr. Carmelo Mifsud Bonnici bhala Kontrollur ghan-nom …". Dan ifisser li l-kawza giet istitwita mhux biss kontra l-bank ossija l-Kontrollur ghan-nom tieghu, izda wkoll fil-konfront tal-ahwa Cecil Pace u Henry Pace u fic-cirkostanzi ghar-ragunijiet fuq imsemmija bil-fors li l-Qorti jkollha tilqa' t-talba attrici fil-konfront biss ta' Cecil Pace u Henry Pace solidarjament u ghalhekk tikkundannahom ihallsu lill-attrici s-somma ta' Lm621 bl-imghax kummercjali mit-13 ta' Marzu 1973.

Spejjez kontra Cecil Pace u Henry Pace hlief dawk relativi ghall-Kontrollur li huma dovuti mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------